**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 222 / 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ryan Vella)**

**vs.**

**Stephen Grima**

Illum 28 ta' Lulju 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Stephen Grima, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 470983 M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fis-16 t' Awwissu 2021 u fil-granet ta' qabel gewwa San Pawl il-Bahar u fil-gzejjer Maltin:

1. Gab ruhu b' mod li ta fastidju lil John Mercieca.
2. U aktar talli kien jaf jew imissu kien jaf li kien ta' fastidju ghal John Mercieca.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' John Mercieca.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar l-10 ta' Mejju, 2022, fejn il-Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, u wara li rat artikolu 251A (1) (a) u (b) tal-Kodici Kriminali, ddikjarat lill-imputat Stephen Grima hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, u minflok piena u ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, rabtet lill-hati b' obbligazzjoni tieghu innifsu ghal zmien sena mil-lum taht penali ta' hames mitt ewro (€500) u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Stephen Grima minnu pprezentat fid-19 ta' Mejju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-umili appell billi thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' Mejju 2022 fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Stephen Grima**" u minflok tghaddi biex tillibera lill-esponenti minn kull htija u piena.

Rat illi l-ewwel aggravju tal-esponenti huwa car u manifest, billi l-fattispeci tal-kaz odjern, partikolarment kif apprezzati mill-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza, ma jinkwadrawx ruhhom fir-reat ta' fastidju taht l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali.

1. Illi fis-sentenza appellata, insibu li l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza apprezzat u tat kredenza lill-verzjoni tal-fatti moghtija mill-esponenti, tant li sabet li l-imsemmi John Mercieca kien ukoll iffastidja lill-esponenti u

allura ipprovoka lill-esponenti biex igib ruhu kif gab ruhu. Dik l-Onorabbli Qorti sabet li ma setghetx tiehu provvedimenti kontra Mercieca billi dan (ghal xi raguni li tafha biss il-Pulizija) ma giex mixli quddiemha, u li minkejja l-provokazzjoni da parti tal-istess Mercieca dak li ghamel l-esponenti xorta ma kienx skont il-ligi u ghalhekk sabitu hati.

2. Illi kif irrizulta mill-assjem tal-fatti, l-incidenti kollha li ssemmew kollha sehhew f' postijiet li huma ordinarjament frekwentati mill-esponenti, bhal ma huma d-dar konjugali tieghu u naturalment l-ambjenti esterni tal-istess dar kif ukoll il-Bognor Beach Club. F' dan il-kuntest, il-provi juru bl-aktar mod car li dan m' huwiex il-kaz li l-esponenti kien qed ifittex u jippersegwita lil Mercieca, kif ikun il-kaz ordinarju ipotizzat fir-reat tal-fastidju. Anzi, jirrizulta proprju l-kuntrarju, u cjoè li kien l-istess Mercieca illi kien ifittex li jqieghed lilu nnifsu (flimkien ma' mart l-esponenti) fil-presenza tal-esponenti, u kull ma sehh kien li l-esponenti irreagixxa ghal dik l-istess presenza.

3. Huwa issa risaput li r-reat ipotizzat fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali jsib il-fonti tieghu fid-disposizzjonijiet tal-istatut Ingliz intitolat "Protection from Harassment Act, 1997". Fir-rigward, insibu fi **Blackstone' s Criminal Practice 2011**:

> *'Harassment' is not defined in the Act, but has a meaning which is generally understood; it describes conduct targeted at an individual which is calculated to produce the consequences described in s.7 and which is*

*oppressive and unreasonable; the practice of stalking is a prime example (Curtis [2010] 1 Cr App R(S) 193).*[1]

4. Tassew illi r-reat ta' fastidju m' huwiex limitat jew cirkoskritt ghall-fattispeci ta' *stalking* biss. Madanakollu, biex fattispeci ohrajn jirrientraw ruhhom fil-figura tar-reat tal-fastidju u tissussisti r-reità taht din id-disposizzjoni tal-ligi, huwa necessarju li lkoll jirriflettu sitwazzjoni fejn l-agir fastidjuz ikun gie mpost fuq il-vittma mir-*reo*, u mhux fejn l-allegata vittma tkun fittxet hi attivament l-attenzjoni tal-akkuzat, kif inhu proprju l-kaz odjern. Proprju ghalhekk, insibu fl-istess **Blackstone' s Criminal Practice**:

> *A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment under s.2; it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability. See Majrowski v Guy & St Thomas' s NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30]. In DPP v Ramsdale [2001] EWHC Admin 106, the definition of harassment in s.7 was held to be inclusive and not exhaustive. Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words ' alarm, and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment.*[2]

---

[1] B2.134.
[2] B2.137.

5. Illi effettivament ghandu jkun biss logiku li persuna li tpoggi ruhha fil-presenza ta' persuna ohra u tfittex li tigbed l-attenzjoni ta' dik il-persuna l-ohra ma tista' qatt tghid li soffriet fastidju meta dik il-persuna l-ohra mbaghad taghti dik l-attenzjoni. U dak huwa li gara f' dan il-kaz. Mercieca, bi pjacir ta' mart l-esponenti, intrometta ruhu fir-relazzjonijiet bejn l-esponenti u martu bl-aktar mod kospikwu possibbli, u cjoè billi jqieghed lilu nnifsu sikwit hdejn id-dar konjugali tal-konjugi Grima f' Kirkop kif ukoll billi jiffrekwenta b' mod regolari (haga li ma kienx jaghmel qabel sar "habib" tas-Sinjura Grima) il-Bognor Beach Club, li huwa post li l-esponenti ilu jiffrekwenta regolarment ghal snin twal, u li tieghu huwa sahansitra membru tal-kumitat. Irrizulta anki li Mercieca (minkejja li cahad falsament meta mistoqsi in kontro-ezami) kien anke jinvolvi ruhu b' mezzi digitali fuq il-mezzi socjali tal-esponenti u tas-siehba tal-esponenti.

6. Kif jista' persuna bhal John Mercieca – li l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza korrettement sabet li kien wettaq hu stess *course of conduct* fastidjuz fil-konfront tal-esponenti – igarrab *alarm or distress* meta l-esponenti wiegeb u rreagixxa ghall-*course of conduct* tieghu? Pjuttost huwa ferm aktar probabbli li Mercieca hass sodisfazzjon, aktar milli *alarm or distress*, billi l-esponenti kien irreagixxa ghall-provokazzjoni li l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza sabet li kienet saret minn Mercieca fil-konfront tal-istess esponenti!

7. Illi hekk ukoll, anki l-element intenzjonali fl-esponenti huwa nieqes ghal kollox billi ma rrizultax mill-provi li kienet l-intenzjoni tal-esponenti li jikkaguna fastidju lil John Mercieca. Anzi, l-provi juru li l-intenzjoni tal-esponenti meta ha r-ritratti u l-filmati kienet biss li jittutela lilu nnifsu

minn akkuzi foloz u kalunnjuzi li l-istess martu setghet taghmel (kif fil-fatt digà ghamlet) fil-konfront tieghu.

8. Ghalhekk l-elementi sabiex jissussisti r-reat ta' fastidju ma rrizultawx, u l-esponenti kellu jigi liberat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

9. **Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, it-tieni aggravju tal-esponenti wkoll huwa car u manifest billi *datum sed non concessum* li jirrizultaw l-elementi tal-fastidju, ghandha tirrizulta d-difiza moghtija fl-artikolu 251A(3)(c) tal-Kodici Kriminali.**

10. Illi l-artikolu 251A(3)(c) jipprovdi:

> (3) Persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li:
>
> …
>
> (c) fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgiba kienet wahda ragonevoli.

11. Illi din id-disposizzjoni fil-fatt ghandha xebh kbir mad-disposizzjonijiet tal-artikolu 1(3)(c) tal-istatut Ingliz imsemmi "Protection from Harassment Act, 1997"[3]. Dwar x' inhu ragjonevoli, **Blackstone' s Criminal Practice 2011** jispjega hekk:

[3] Id-disposizzjoni tal-istatut Ingliz tghid hekk: "*Subsection (1) or (1A) does not apply to a course of conduct if the person who pursued it shows – … (c) that in the particular circumstances the pursuit of the course of conduct was reasonable*".

*On a more general level, when engaging in the balancing of different interests (such as the right of peaceful protest and the right to quiet enjoyment of property) the courts may have to get involved in the same sort of exercise as occurs when considering the exercise of police powers to prevent a breach of the peace. It does not follow that it is always the first party' s rights that are protected (e.g., to process).* ***They may, in effect, be held responsible for the reaction of the other party. Priority will, however, always be given where possible to lawful activity that is not (deliberately) provocative.***[4]

12. Illi gjà rajna permezz tal-paragrafi precedenti ta' dan l-umili appell li John Mercieca kien qed jaghti hu stess fastidju lill-esponenti, u li l-esponenti, bil-prattika tieghu li jiehu ritratti u filmati meta jkun fil-presenza ta' martu (ma' jew minghajr il-"habib" taghha John Mercieca), kien biss qieghed jikkawtela ruhu minhabba n-natura aggwerrita tal-proceduri gudizzjarji bejniethom, fejn l-istess Sinjura Grima sa akkuzat lill-esponenti falsament bi vjolenza domestika. Proprju ghalhekk huwa jiehu ritratti u filmati, sabiex ikollu evidenza fil-porceduri civili jew f' kaz ta' akkuzi foloz, kif wara kollox digà gara.

13. Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma jistax jinghad illi l-imgieba ta' persuna konsistenti mit-tehid ta' filmati u ritratti f' cirkostanzi fejn mart dik il-persuna u l-habib taghha jfittxu kontinwament li jipprovokawh hija imgieba li m' hijiex ragjonevoli. Bl-istess mod, ma tistax titqies mhux ragjonevoli l-imgieba tal-esponenti tenut kont li l-istess Mercieca jkun

[4] B2.140. Enfazi in calce tal-esponenti.

kontinwament fil-presenza ta' mart l-esponenti, u jkun allura qed jassistiha meta tkun hi li tiehu ritratti u filmati tal-esponenti (kif jidher mir-ritratti ezebiti mill-esponenti stess).

14. Ghalhekk ukoll l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza ma kellhiex issib htija fl-esponenti u kellha minflok tilliberah.

Semghet lill-partijiet jitrattaw dan l-appell u dan fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2022.

**Ikkunsidrat,**

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis- sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[5] intqal:-

[5] 1 Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa,** 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt,** 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo,** 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar,** 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et,** 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.
Fil-kawża Ir-**Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara

*kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xhieda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[6]

per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-**Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, **ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u **r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[6] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[7]

[7] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem** uleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs**

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> *Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".*

---

**Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **l-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Vincent Calleja</u>** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory".

Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

Illi l-appellant jisħaq illi l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħatx leġittimament u raġonevolment issibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu peress illi l-verżjoni tiegħu tal-fatti li seħħew kienu ferm aktar kredibbli minn dawk tal-parte ċivile. B'hekk jgħid li kellu jiġi lliberat.

Ghalhekk din il-Qorti kellha tifli l-atti proceswali u dan sabiex tara jekk in effetti l-appellant ghandux ragun minn dak li qed jilmenta dwaru.

**Ikkunsidrat;**

Rat ix-xhieda ta' John Mercieca moghtija nhar l-1 ta' Frar 2022 fejn stqarr li r-rapporti saru ghax dan il-persuna (b'referenza ghall-appellant) kull meta jarah

jiehu videos u ritratti meta ikun fil-presenza tal-mara tieghu. Jghid 'Basically dik hi'. Qal ukoll li din ilha ghaddejja minn Gunju li ghadda sahansitra mar jiekol u sabu gja hemm ma persuna ohra jiehdu ritratti u videos u l-pulizija marru jkelmuh. Telghu fejn kellu booking, ikkonfermaw li kellu booking u hargu minn hemm u bdew bl-ewwel rapport. L-ewwel rapport kien fl-1 ta' Awwisu 2021. It-tieni rapport sar sittax-il jum wara gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra. Dakinhar jghid li kien il-Bognor ma mart l-appellant u t-tfal u ghall-habta tal-10.00/10.30 p.m nizel l-appellant, beda jidhaq b'dahqa sarkastika u jigbed ir-ritratti u f'hin minnhom dahal u qallu li hu membru tal-kumitat u talbu biex johrog ghax ma hux membru. Huwa ma tkellimx u telaq 'l barra u rega mar jghamel rapport iehor fuq l-istess appellant.

Fuq domanda tal-Qorti jghid li li l-appellant huwa l-ex ragel tal-habiba tieghu. Ix-xhud jghid li kien hemm diversi okkazzjonijiet meta gew mehuda ritratti u videos. Jghid li kien imur l-ghassa u kienu jghidulu li kien ghalxejn li kien qed imur hemm ghax diga hemm rapport li huma l-istess u kien inutili li jibqa jghamel l-istess tip ta' rapporti ghax ma kienx ser jaslu imkien. L-ahhar rapport sar fl-4 ta' Ottubru 2021 izda in konnessjoni ma kawza ohra.

Mistoqsi x'kien qed jiffastidjah jghid li kull fejn imur jekk l-appellant jarah jrid jinsulenta. Irid isemmi lil bintu. Jghid li anke jekk jarah fil-karozza jghidlu li jekk hu bully ghandu jidhol gewwa. Huwa li qed jitlob hu li l-appellant ihallih bi kwietu.

Dwar bintu jghid li bintu ghaddiet minn abbuz u hemm kawza ghaddejja u l-appellant jiehu pjacir f'nofs ta' triq jghajjat 'Jien ghand il-mummy ma tigix il-kurja ghax bintek hekk u bintek hekk".

Mistoqsi jekk qatt skambjax diskors mal-appellant jghid li dan qatt ma sar. Sas-16 ta' Awwissu 2021 qatt ma tkelmu ma xulxin. Kien fl-incident tal-Bognor li l-appellant kelmu u semmielu lil bintu. Qal li fl-1 ta' Awwissu 2021 kien hdejn il-Badass San Giljan u kien qallu biex ma johodlux iktar ritratti ghax ser jipprocedi bil-pulizija. Qal li dan kien l-uniku diskors li qallu ghaliex m 'ghandux ghalfejn ikelmu.

Mistoqsi x'relazzjoni ghandu x-xhud mal-mara tal-appellant jghid li jkun maghha ta' kuljum izda qatt ma dahal ghandha, ikun hdejn l-ghatba tal-bieb taghha fil-karozza u jghid li anke fil-kumpanija ta' uliedhom ikun. Mistoqsi jekk kienx minnu li kien jerfa xi affarijiet tal-appellant minn daru iwiegeb li kien hemm okkazzjoni wahda biss u dakinhar l-appellant kien gibed ritratti ukoll. Qal li mart l-appellant dak iz-zmien kienet qed tghix Bugibba u din tbati minn dahra u kienet talbitu biex wara li tnizzel l-affarijiet fuq il-bankina, jitfaghhom fil-karozza u jghinha tiehodhom Hal Kirkop. Jghid li dakinhar ukoll sabuh hemm jigbed il-videos. Jghid li jaf li l-appellant ghaddej minn separazzjoni minn ma martu. Il-karozza tieghu hija tal-ghamla Toyota Aventis numru JDM 003.

Mistoqsi jekk gieli kienx barra il-bieb ta' omm l-appellant jistennih, jghid li iva kien gabar it-tfal minn side street ta' hdejn id-dar ta' ommu ghax fejn toqghod ommu ezatt ma jafx. Mistoqsi jekk imur jigbor it tfal tal-hbieb kollha li ghandu jghid li gieli mar.

Mistoqsi jekk dahalx fil-facebook, Instgram tal-appellant u tal-partner tieghu jghid li ma jidhirlux. Qal li la hu u lanqas mart l-appellant meta tkun mieghu ma ssegwi lill-appellant zewghha. Mistoqsi jekk l-appellant qatt ghamel rapport dwaru jghid li ma jafx li l-pulizija qatt ma kelmuh fuq xi rapport. Jghid li ritratti u videos huwa qatt ma ha tas-sur Grima.

Il-prosekuzzjoni esebiet l-affidavit ta' **PC 2337 E Duncan** u dan spjega li nhar is-17 ta' Awwissu, 2021 gewwa l-ghassa tal- pulizija tal- Qawra mar John Mercieca jirraporta li Stephen Grima li jigi l-ex ragel tal-habiba tieghu kien qed itih fastidju.

Dan Mercieca stqarr illi nhar is-16 ta' Awwissu, 2021 ghall-habta tal-23.30 huwa kien qieghed il-Bognor Aquatic Beach club flimkien ma bin l-appellant. Jghid li l-appellant ghadda minn hdejhom jidhaq b'mod falz u wara nofs siegha dan beda jigbed xi ritratti tieghu. Mercieca stqarr illi wara, Grima rega dahal gewwa l-kamra tal-biljard fejn ordnalu johrog 'l barra ghaliex ma kienx membru. Mercieca stqarr illi hu x'hin semghu jghid hekk bla paroli qabad u telaq 'l barra. Qabad u pogga l-lasta tal-biljard fuq il-mejda u bla paroli telaq 'l hemm. Mercieca qal li sema lil mara ta' Grima tghid lill-appellant li hi bhala membru setghet iddahhal guests u f'dan il-kaz il-kwerelant kien il-mistieden taghha.

Mercieca qal lil PC 2337ukoll li jekk ser ikompli jigbidlu r-ritratti kien ser ikollu jirraporta lill-pulizija.

L-appellant **Stephen Grima** xehed nhar l-5 ta' April 2022 u spjega li kien sema lil kwerelant jixhed. Qal li fis-16 ta' Awwissu 2021 it-tfal tieghu kienu ghadhom kif waslu minn btala Ghawdex. Kien fil-fatt ceda l-access tieghu biex it-tfal jiehdu vaganza ma ommhom u mal-familjari taghha jew nies ohra. Kif gew lura fis-16 ta' Awwissu 2022 fil-Bognor Beach Club kellhom attivita ta' bocci tournament. Jghid li huwa jokkupa l-kariga tas-segretarju tal-kumitat ta' dan il-club. Jghid li kien tkellem mal-Club fejn talabhom sabiex inaqqas il-frekwenza tieghu fil-club ghaliex martu kienet qeghda tmur hemm mal-gharus taghha l-kwerelant ta' spiss. Qal li dan kien il-post fejn il-familja tieghu kienet ilha tmur ghall-perijodu ta' tnax-il sena u t-tfal kienu jiehdu hafna pjacir hemmhekk stante li ghandhom hafna hbieb.

Meta nizel nhar is-16 ta' Awwisu 2022 fil-Bognor Beach Club ra lis-sur Mercieca, il-mara tieghu, uliedu u t-tifla tal-kwerelant ilkoll fil-games room jilghabu bl-affarijiet tieghu li jkollu fil-locker, paletti tat-table tennis izda sa hemmhekk ma tkellem xejn.

Wara li dawn hargu minn gol-games room poggew bil-qeghda fuq mejda bhalma jghamel kulhadd. Meta hu kien miexi lejn l-ufficcju tal-kumitat martu qaltlu '*mela inzilt ma qditekx fuq id-dghajsa l-bierah?* U dan b'referenza ghal-partner tieghu. Ftit wara s-sur Mercieca dahal bit-tifel tieghu gol-games room. Beda jaghmel mossi tad-dahk per ezempju mieghu qieghed it-tifel ghax it-tfal kellhom ordni biex ma ikelmuhx wara erbat ijiem maghha Ghawdex. Dahlu fil-games room u inghalqu il-blinds tal-games room. Mar ikellem membru iehor tal-kumitat biex ma jkunx wahdu halli ma jghidux li kienu hu. U staqsih ghalfejn kien ghalaq il-blinds. Wara dan il-kwerelant hareg u mar jghamel rapport l-ghassa. Jghid li huwa sar jaf bil-kwerelant Mercieca nhar l-1 ta' Awwissu 2021 meta kellu l-access ma uliedu l-Bognor Beach Club u ra lil dan ir-ragel li ma tax kaz izda wara ftit beda ihares lejh u jidhaq. Kien qed ihares lejh bil-mobile f'idu u jibghat lil xi hadd u jidhaq. Dakinhar nizlet mart l-appellant ukoll. Dakinhar kien mat-tfal kollha. It-tfal jilghabu ma shabhom fil-pitch waqt li huwa joqghod hemm. Imbaghad nizlet il-mara tieghu, ghaddiet minn hdejh izda ma kelmitux. Wara li kien telgha u rritorna t-tfal rega nizel il-Bognor u ra lil-martu fuq mejda mal-kwerelant jigbdu video.

Huwa dakinhar mar jghamel rapport l-ghassa ta' San Giljan u dak il-hin stess ra lis-sur Mercieca hiereg mill-Ghassa jghamel rapport hu stess. Dan kien qed jitkellem mal-parker taht il-fond Ryan's hdejn il-karozza tal-partner tal-appellant. Il-kwerelant ghamel referenza ukoll li kien qieghed il-Bognor Beach

Club. Qal li fil-Club ma tistax tiehu guests. Fil-fatt jispjega li l-membership hija tieghu u martu tidhol fuq il-membership tieghu.

Ikkonferma li kien ghaddej minn proceduri ghas-separazzjoni li ma kienx straight forward u ghandhom diversi issues bejniethom.

Qal li meta kien iltaqa mieghu l-Bognor kien offrielu drink izda l-appellant wiegeb li huwa ihallas ghad-drinks tieghu u meta iltaqa' mieghu fl-1 ta' Awwissu 2021 San Giljan kienu qed jigbdu il-videos ta' xulxin.

Qal li gieli jara lill-kwerelant quddiem id-dar f 'dawk il-granet meta jkollu access ghall-uliedu. Qal li waqt li jkun qed jistenna lit-tfal gieli mar tlett darbiet bil-halib, butir jew bl-ghagin.

Mistoqsi jekk kienx minnu li jigbed il-filmati jghid li huwa minnu li kull meta jersaq lejn id-dar jiehu l-filmat ghaliex ikollu l-inkwiet billi martu tghid affarijiet li ma jkunux veri tant li anke kawza ghall-domestic violence fethitlu. Ir-recording uzah bhala evidenza f'dik il-kawza.

Mistoqsi in difiza jekk fil-Bognor Beach Club jistghux jidhlu nies mhux membri wiegeb li jistghu salv f'dawl l-okkazzjonijiet meta l-club ikun qed jorganizza l-affarijiet tieghu. Huwa minnu li nhar is-6 ta' Awwissu, 2022 kienu hu u membru iehor tal-kumitat li talbu johrog mill-club certu Marcel Diacono. Mistoqsi jekk kienx ghamel rapporti qabel dwar il-fastidju li jghid li kellu mill-kwerelant jghid li ghamel wiehed fl-ghassa tal-pulizija taz-Zurrieq markat bhala SG3 li jirrelata ghall-incident li sehh nhar l-1 ta' Awwisu 2021 dwar fastidju li kien tah il-kwerelant billi jidhol fuq il-facebook account tieghu.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-imgieba ta' l-appellant li kien qieghed jigbed xi ritratti u video footage tal-kwerelant ma tikkostitwixxi r-reat raffigurat fl-artikolu 251A tal-Kap. 9 liema reat sar parti mill-ligi penali ta' pajjizna fil-Kodici Kriminali permezz ta' l-Att XX tas-sena 2005 li introduca l-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D fil-Kodici Kriminali ta' pajjizna. Illi sabiex jiffigura r-reat taht l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, jrid ikun hemm imgieba b'tali mod li permezz taghha l-agent tar-reat jaghti fastidju lil persuna ohra, u li **jaf jew mess kien jaf li b'dik l-imgieba qieghed jaghti fastidju lil persuna ohra** [8](Art 251A(1). Dan l-artikolu fit-tieni subinciz tieghu jkompli jghid li:_

> *"..... persuna li tkun qeghda ggib ruhha b'mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli jkollha l-istess informazzjoni dik kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghall-fastidju tal-persuna l-ohra".*

Fi ftit kliem skond dik id-dispozizzjoni tal-ligi kontenuta fit-tieni sub-inciz ta' l-artikolu li ntroduca r-reat ta' fastidju, il-legislatur Malti applika t-test oggettiv ta' persuna ragjonevoli jew "the resonable man" fejn persuna li qeghda tagixxi b'mod dubbjuz ghandha tkun taf jekk l-agir taghha jammontax ghal fastidju jew le. Jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din il-persuna kienet tqis bhala fastidju dak l-agir. L-argument li l-legislatur Malti pogga t-test oggettiv tar"reasonable man" gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell preseduta mill-Imhallef J. Galea Debono fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-pulizija vs Massimo Tivisini** (Qorti ta' l-Appell Kriminali 27 ta' Frar, 2009) li kkunsidrat x'jikkostitwixxi imgieba jew agir li jikkostitwixxi fastidju ghall-finijiet ta' l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti fl-interpretazzjoni taghha li

[8] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti

tat ta' dan l-artikolu tat definizzjoni ta' jikkostitwixxi fastidju ghall-finijiet ta' dan l-artikolu u kkwotat minn Black's Law Dictionary (7th edition) fejn jinghad dan li gej dwar fastidju jew harassment :-

> *Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose.*

Skond din il-kwotazzjoni l-fastidju jikkostitwixxi xi kliem, imgieba jew azzjoni li ghandhom ikunu ripetuti jew persistenti li huma diretti lejn persuna specifika, b'tali mod li jdejqu, jallarmaw, jew jikkawzaw dwejjaq emozzjali fil-persuna koncernata u li ma ghandhom l-ebda skop legittimu. Il-Qorti ta' l-Appell qalet ukoll illi l-agir li ghandu jkun ripetut jew persistenti ma ghandux jittiehed in izolament izda fir-retroxxena ta' l-incidenti kollha li jkunu sehhew b'tali mod li jkunu kkawzaw dwejjaq fil-persuna fastidjata (**Il-Pulizija vs Alan Caruana Carabez**, Qorti ta' l-Appell Kriminali 21 ta' Gunju, 2007).

Jirrizulta ben provat mill-provi akkumulati li l-ewwel darba li l-appellant iltaqa' mal-kwerelant kien fl-1 ta' Awwissu 2021 u dan fil-Bognor Beach Club. Jidher li dakinhar is-siehba tieghu li tigi mart l-appellant kient giet ukoll attakkata fuq il-facebook minn profil falz u ghalhekk kien mar San Giljan mas-siehba tieghu jghamel rapport l-ghassa u kif hareg iltaqa' ma Mercieca hdejn il-vettura tas-siehba tieghu. Dakinhar stess Mercieca talbu biex ma jigbidx ritratti jew videos tieghu.

L-appellant spjega kif lil martu ma jafdahiex u kien ghalhekk li jigbed il-filmati sabiex ikollu evidenza. Li kieku verament il-kwerelant hassu fastidjat, ma messux mar fl-istess lok fejn kien ikun ta' sikwit l-appellant u dan biex jevita inkontri bhal dawn.

Jidher li fit-tieni okkazzjoni u cioe nhar is-16 ta' Awwisu 2021 il-kwerelant rega iltaqa mal-appellant darb'ohra fil-Bognor Beach Club meta dakinhar il-kwerelant gie mitlub jitlaq minn hemm kemm mill-appellant bhala segretarju tal-kumitat kif ukoll minn persuna ohra bl-isem Marcel Diacono.

Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, huwa Mercieca li mar il-post fejn jiffrekwenta l-appellant pero kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti ukoll l-appellant gibed filmati tal-kwerelant sabiex ikollu evidenza dokumentarja ta' dak li ser jkun qed jixhed dwaru.

Il-kwerelant ihossu iffastidjat ghaliex l-appellant johodlu filmati u ritratti. Jidher ghalhekk li kemm l-appellant kif ukoll il-kwerelant idejqu lil xulxin. Jista jaghti kaz li l-fatt li l-kwerelant imur proprju fil-post fejn ilu imur l-appellant ghal dawn l-ahhar tnax- il sena tista tigi interpretata bhala sfida jew provokazzjoni min naha tieghu lejn l-appellant. Pero kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti hawnhekk huwa l-appellant biss li huwa akkuzat u mhux il-kwerelant.

Illi jidher li filwaqt li huwa minnu li l-appellant m'ghandux jigbed ritratti tal-kwerelant, il-kwerelant m'ghandux imur ifittex lill-apppellant fil-post fejn ikun abitwalment.

Illi zgur li ma hux idejali li l-kwerelant imur fejn proprju ikun zewgt il-habiba tieghu u molto piu meta ikun fil-kumpanija ta' uliedu. Dan ma hux agir accettabli ghal Qorti u ghandu jigi mfisser li qed jipprova jisfida lill-appellant b'ghemilu. Minn naha l-ohra pero l-appellant ghandu jieqaf jew ahjar jiddessisti minnufih milli jkompli b'dan l-agir ta' tigbid ta' ritratti u video u ihalli in-nies fil-paci salv jekk ma iridx tali prova biex tigi esebita fi proceduri ohra bhal dawk tas-separazzjoni f'liema eventwalita allura tali tigbid ikun gutifikat.

Jidher li fil-fatt huwa l-kwerelant li gab din is-sitwazzjoni fuqu billi mar fl-istess post fejn ikun hemm l-appellant u l-appellant agixxa bil-mod li agixxa u cioe li gibed video u ha xi ritratti biex ikollu evidenza dokumentarja li fil-fatt il-kwerelant qed idejjaq lilu.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma hiex kovinta li l-appellant ghandu jintsab hati tar-reat ta' fastidju u konsegwentement qeghda tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tilliberah minn kull imputazzoni u piena.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur